MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 2285/2004

**Joseph Abela (ID:74041)**

**Vs**

**Georgina Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta Dicembru 2004 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas dik is-somma likwidata minn dan it-Tribunal li ma ghandux jeccedi s-somma ta elf u hames mitt lira ghall-okkupazzjoni esklussiva tal-fond 140 St Sebastian Street, Qormi b'effett mill-15 ta marzu 1993.
Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 20 ta Jannar 2005 fejn gew kontestati t-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet:-
a) Nuqqas ta kompetenza ta dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 7 (5) Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta Malta stante li

qed jigi msejjah biex jiddeciedi dwar jedd fuq immobbli u dana in vista tal-fatt li l-konvenuta tgawdi minn titolu ta kommodat fuq il-fond intier oltre li hi proprjetarja ta terz indiviz;

b) Nuqqas ta kompetenza ta dan it-Tribunal stante li si tratta ta kawza fuq valur incert u indeterminat;

c) Ebda kumpens ma hu dovut stante li l-konvenuta hi ko-proprjetarja tal-fond de quo u tgawdi minn titolu ta kommodat fuqu;

d) Minnghajr pregudizzju ghal premess it-talba ghal hlas ta kumpens hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta relattivament ghal perjodu li jipprecedi it-30 ta Novembru 1999.

e) B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-punt kardinali li ghandu jigi deciz f'dina l-kawza qabel xejn huwa jekk l-meritu sollevat jaqax o meno taht il-Kompetenza ta dan it-Tribunal.

Illi l-konvenuta qed tallega li apparti li hija Ko-Proprjetarja tal-fond in kwistjoni f'sehem indiviz ta terz hija qed tokkupa l-istess taht titolu ta kommodat. Certament li dan it-Tribunal ma ghandu ebda kompetenza jindaga jekk jezistix tali titolu o meno u dana ai termini tal-artikolu 3 (5) u mhux 7 (5) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta Malta.

Apparti tali kunsiderazzjoni jigi rilevat ukoll li jidher li huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-konvenuta hija fil-fatt proprjetarja tal-fond in kwistjoni f'sehem ta terz indiviz (vide sentenza esebita a fol 11 tal-process et seq) u ghalhekk ghandu jkollha kull dritt li tokkupa l-istess minnghajr ebda obbligu ta xi kumpens jew hlas.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-ewwel u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenuta u konsegwentement ghalhekk qed jirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjes ta dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------